MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## DEPASQUALE FRANCO K.C., B.A., LL.D.

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2002

Citazzjoni Numru. 1032/1990/1

**Maria Stella Camilleri Brennan mart John, f'isimha proprju u bhala kuratrici *ad litem* ta' uliedha minuri Alberta, Angele, Michael, Alexandra u Mario ahwa Camilleri Brennan nominata f'din il-kwalita` permezz ta' digriet tal-5 ta' Novembru 1990 ta' din il-Qorti.**

**Vs**

**John Camilleri Brennan**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attrici *proprio et nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi b'digriet moghti mis-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta’ Settembru 1990 Numru 892/90 l-istanti giet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni personali kontra l-konvenut zewgha (Dok. A);

Premess illi l-konvenut irrenda ruhu hati ta’ sevizji, eccessi, ingurji gravi u mohqrija versu kemm l-istanti kif ukoll il-hames ulied minuri komuni Alberta, Angele, Michael, Alexandra u Mario ahwa Camilleri Brennan;

Premess illi minhabba dawn il-htijiet da parti tal-konvenut, iz-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irremedjabilment;

Talbet ghalhekk l-attrici *proprio et nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet u dan minhabba htijiet tal-konvenut;

2. Tafda il-kura u kustodja tal-hames ulied komuni Alberta, Angele, Michael, Alexandra u Mario ahwa Camilleri Brennan f’idejn ommhom l-attrici;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas retta alimentarja lill-attrici ghaliha u ghal hames ulied minrui fuq imsemmija fil-hin, lok u jum li jigi stabbilit minn din il-Qorti;

4. Tiddikjara xjolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti gja ezistenti bejn il-partijiet;

5. Tillikwida din il-komunjoni ta’ l-akkwisti billi tigi dikjarata li tikkonsisti fil-gid u effetti li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

6. Tiddividi l-gid hekk likwidat f’zewg porzjonijiet ugwali li wiehed jigi assenjat lill-attrici u l-iehor lill-konvenut;

Bl-ispejjez komprizi dawk tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili fuq riferiti kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attrici, l-elenku tad-dokumenti esebiti u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut illi permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi ma kienx minnu li huwa rrenda ruhu hati ta’ xi haga. Huwa kien dejjem il-vittma tal-mohqrija ta’ l-attrici;

2. Illi dan qieghed jinghad bla pregudizzju ghal kull eccezzjoni li l-attrici mhix *compos mentis*;

U ghamel riserva ghall-eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet taghha tat-12 ta' Jannar 1993 li permezz tieghu gie nominat l-avukat Dr. Mark Chetcuti bhala espert legali biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet sollevati u jaghmel l-osservazzjonijiet li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni ta' l-imsemmi espert legali li tinsab a fol. 397 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-Udjenza taa-7 ta' Dicembru 1994;

Rat id-digriet taghha tat-8 ta’ April 1993 li permezz tieghu fuq talba tal-konvenut giet nominata l-Welfare Officer Lora Agius biex tipprezenta rapport dwar l-access tal-konvenut ghall-ulied minuri;

Semghet ripetutament lill-partijiet u lix-xhieda minnhom prodotti;

Rat l-atti kollha tal-kawza u senjatament in-noti estensivi pprezentati mill-abbli difensuri;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:-

Illi permezz ta' din il-kawza pprezentata aktar minn tnax-il sena ilu, l-attrici talbet is-separazzjoni minn ma' zewgha minhabba htijiet tieghu, u ghamlet ukoll is-soliti talbiet ghall-manteniment, kura u kostodja ta' l-ulied allura minuri u t-terminazzjoni u divizjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti;

Illi minn naha tieghu l-konvenut qal illi huwa ma kien hati ta' xejn u kien dejjem vittma tal-mohqrija ta' l-istess attrici li hu ddikjara li ma kienetx *compos mentis*;

Illi din il-kawza ilha tant snin pendenti u harsa lejn il-process u lejn il-verbali turi kemm kienet kombattuta u l-partijiet qatt ma qablu fuq l-ebda punt illi gie sollevat. Meta wiehed jezamina l-provi prodotti jigi konstatat illi b'dana kollu ma tantx tressqu provi li fuqhom il-Qorti tista' tasal ghal konkluzjoni facli dwar dak li verament gara bejn il-kontendenti; hemm xhieda voluminuza ta' dak li xehdu il-partijiet innifishom imma ftit tressqu xhieda barranin; hlief ghall-affidavit tat-tfal u oht l-attrici ma nsibu pratikament xejn;

Illi dan qed jigi sottolineat biex tidher l-importanza li l-Qorti jkollha tati lill-kredibilita` tal-partijiet li minn naha taghhom taw verzjonijiet diametrikalment opposti ta' kull dettal imsemmi minn xi wahda minnhom;

Illi oltre l-imsemmija xhieda ta' l-ulied li pero` inghatat b'affidavit, il-Qorti kellha tul dawn is-snin kollha kull opportunita` tisma' u ssegwi lill-partijiet fil-bosta u bosta udjenzi (mhux biss dawk li fihom huma taw ix-xhieda taghhom) biex twiezen il-veracita` taghhom;

Illi anki l-abbli relatur kellu opportunita` simili u l-Qorti osservat b'hafna reqqa l-konkluzjonijiet u opinjonijiet espressi mill-espert legali l-aktar fejn ivvalutat id-differenzi karatterjali taz-zewg kontendenti;

Illi oltre dan il-Qorti kellha wkoll okkazjoni tisma direttament lil wahda mill-ulied li kienet gia pprezentat ix-xhieda taghha permezz ta' affidavit;

Illi huwa ovvju li din il-kawza tkaxkret tant fit-tul unikament minhabba interessi pekunjarji u xejn izjed. Il-maggoranza assoluta tax-xhieda li tinsab fl-atti tirrigwarda flus jew spejjez;

Illi proprju fuq dan il-punt il-Qorti hi tal-fehma li l-istqarrijiet tal-konvenut fejn jidhlu flus u interess pekunjarji ma kienu xejn kredibbli;

Illi l-konvenut stqarr illi huwa kellu eluf ta' liri mgemmghin meta izzewweg; huwa bniedem ta' metikolosita certosina imma dwar punt tant importanti ma seta' jsib xejn biex isostni allegazzjoni tant importanti minnu maghmula; huwa ittanta jallega li d-dokumenti kollha li kellu hadithomlu l-attrici meta ghalqitu barra mid-dar. Waqt ix-xhieda tieghu stess, il-Qorti urietu l-perplessita` taghha ghal din l-allegazzjoni meta wiehed jikkonsidra li huwa kien ilu li ha f'idejh xi kmamar minghand hutu; ghal go dawn il-kmamar huwa kien ilu diversi xhur igorr ftit ftit l-oggetti li deherlu li kellu jiehu mid-dar matrimonjali fejn kien ghadu jghix ma' martu u ma' uliedu - huwa kien qed igorr dawn l-oggetti ftit ftit fil-kmamar ta' hutu; bniedem tant preciz ma seta' qatt ihalli il-ftit *files* essenzjali ghall-interess tieghu gewwa id-dar fejn huwa kien qed jghix fi gwerra kontinwa ma' martu. Ma tista ma tigix osservata r-reazzjoni tal-konvenut meta l-attrici, f'mument minnhom waqt wahda mill-udjenzi, esebit certi dokumenti dwar il-flus li huwa suppost kellu snin shah qabel gew intavolati dawn il-proceduri. F'din l-okkazjoni huwa ipprova b'kull mod jevita d-domanda li kienet qed taghmillu l-Qorti, u fl-ahhar spjega li hadha tant bi kbira ghaliex “jien nispjega li dan ghamiltu ghax hadd ma jiehu gost illi l-affarijiet tieghu johorgu". Hawn isegwi spontanjament l-osservazzjoni li, gialadarba huwa kien jemmen li martu haditlu d-dokumenti kollha, ma kellux ghalfejn jehodha bi kbira li hija kienet ser tuzahom fl-interess taghha proprju waqt kawza fil-Qorti;

Illi l-Qorti hi tal-fehma li d-dokumenti li l-Qorti ripetutament talbitu biex jesebixxi dwar l-ammonti konsiderevoli u varji ta' depoziti li huwa kellu barra minn Malta, proprju ghax fehem li kieku kellu jesebihom kienu ser ikunu dannegjanti ghat-tezi tieghu;

Illi l-Qorti kkonfermat dan l-atteggjament negattiv u ostruzzjonista tal-konvenut, meta staqsietu biex jikteb lill-istituzzjonijiet bankarji (almenu dawk li rrizultaw) biex jiddikjaraw l-istorja tal-kontijiet li huwa kien kostrett jammetti dwarhom; nonostante l-verbali cari u espliciti, il-konvenut baqa' ma ghamilx dan u kellu jkun l-avukat tieghu "fid-dawl tan-nuqqas tal-klijent tieghi" biex isalva s-sitwazzjoni meta impenja ruhu li jikteb huwa stess lil dawna l-banek; (Dr. Stephen Thake fil-fatt esebixxa wkoll l-ittri li huwa bghatt). Procedura simili tittiehed biss meta xi hadd mill-partijiet ma jkunx kapaci jikteb, mhux fil-kaz ta' persuna kolta bhal konvenut. B'danakollu harsa lejn il-process u l-verbali tas-seduti malajr tindika li l-konvenut kien, nonostante dan kollu, irnexxielu fl-iskop ahhari tieghu cioe` li l-Qorti ma tkunx tista' tistabbilixxi l-posizzjoni finanzjarja reali tieghu - ir-reticenza (almenu) tal-konvenut baqghet tippersisti anki meta l-Qorti ghamlitha cara li ma kienitx qeghda temmnu;

Illi meta l-attrici allegat illi zewgha kien zbanka madwar Lm4000 fil-bidu tal-vertenza huwa rnexxielu juri li dawn kienu fil-fatt f'isem ibnu. Il-Qorti tifhem li b'danakollu dawn il-flus kienu proprjeta` tal-konvenut anke jekk kienu f' isem ibnu, u dan bhal ma kienu Lm2400 li hu jghid li nefaq meta inbena sular iehor fid-dar matrimonjali u quddiem il-Qorti huwa xehed "jiena semmejt li nfaqt Lm2400 fil-bini tat-tieni sular u nispjega li dawn kienu flus li gbidt minn kontijiet li kont iddepozitajt f'isem uliedi.";

Illi l-Qorti ippruvat ukoll tistaqsi lill-konvenut jispjega x'kien ghamel b'dawk il-bosta eluf illu huwa, tul il-vertenza ma' martu, gibed mill-kontijiet tieghu almenu dawk li rrizultaw mill-atti, u l-Qorti ma temminx il-verzjoni li pprova jaghti l-konvenut li dawk l-eluf kollha li huwa kien ippercepixxa jew li huwa rtira mill-banek uzahom ghal htigijiet tieghu;

f'Gunju 1994 huwa xehed quddiem il-Qorti u kkonferma li f'temp ta' sittax-il xahar huwa kien gibed 1098, 2074 u 3000 Sterlina u "dawn il-flus kollha infaqthom ghal bzonnijiet tieghi"; ma hemm l-ebda ombra ta' dubju li dawn il-htigijiet ma tantx kien ikollhom bzonn ta' flus ohra oltre dak li huwa kien qieghed jaqla regolarment - il-*life style* tieghu hareg b'mod lampanti mill-atti ta' dawna l-proceduri; meta twildulhom tewmin u kellhom bzonn karozza huwa xtara Skoda ta' Lm800 u biex jixtri xi hajta deheb ghal martu kien jistenna l-irkant tac-Chamber of Commerce;

Illi l-konvenut jghid ukoll li sa l-ahhar zminijiet li kien baqa' fid-dar matrimonjali, huwa kien izomm gewwa vetrina Lm16,500 gewwa pakkett bil-*brown paper* u jghid "dawn is-somom konsiderevoli ta' flus, marti ma kienet taf bihom xejn"; il-Qorti ma emnitx din l-istorja u kif huwa ipprospetta il-possibilita` li meta martu ddisponiet minn din il-vetrina, il-flus telqu maghha.  Il-Qorti ma emnitx li persuna bil-mentalita` u kapacita` u atteggjament tal-konvenut kienet ser thalli f'post accessibbli ghal martu li kienet fi "gwerra" kontinwa kontra tieghu meta huwa kien diga` ilu diversi gimghat igorr l-affarijiet bicca bicca minn god-dar matrimonjali u jehodhom fiz-zewgt ikmamar li kien ha minghand tal-familja; f'kull kaz xejn ma jidher verosimili li l-konvenut jitlef tant imghaxijiet fuq ammont hekk konsiderevoli liema imghaxijiet dak iz-zmien (1994) huwa risaput kienu tassew gholjin.  Jigi wkoll fl-ahhar rilevat kif il-konvenut fl-istorja ta' somma hekk kbira, ghazel li ma jsemmihiex meta l-provi kienu qeghdin quddiem l-espert legali u in segwitu ddikjara "il-perit legali ma lahaqx ra x-xhieda tal-konvenut ta' l-14 ta' Lulju 1994 fejn stqarr li kellu somma ta' Lm16,500 qalb il-kotba" fil-librerija (din id-darba ma qalx li kienet fil-vetrina imma kienet f'librerija);

Illi l-Qorti fil-valutazzjoni tal-fatti kollha kif gja intqal fid-dawl tad-divergenzi assoluti taz-zewg kontendenti, tati hafna piz lix-xhieda ta' l-erba' ulied illi xehdu l-ewwel permezz ta' affidavit u mbaghad wahda minnhom anki direttament quddiem il-Qorti; dina giet imressqa appozitament mill-konvenut.  Il-Qorti ma tistax tifhem kif il-konvenut jasal biex jiddikjara "ma dahaltx lit-tfal ghax hekk

titlob l-etika u ma ridtx li nzidilhom it-trauma li ommhom dahhlithom fiha" - imbaghad imur ghand wahda minnhom hekk kif inzertat iggieldet ma' ommha u telqitilha mid-dar, u jipprova jgeghla tirtira l-affidavit li kienet ghamlet precedentement u sahansitra harrikha biex titla' tixhed quddiem il-Qorti u dan mhux b'xi kaz uniku imma permezz ta' sitt ingunzjonijiet separati tul il-medda ta' xhur shah; jigi wkoll rilevat li mhux tifla wahda harrek imma tnejn ghalkemm l-ohra ghal xi raguni jew ohra spiccat biex ma tatx ix-xhieda taghha u r-riferta ma waslitx;

Illi l-verzjoni ta' l-ulied xejn ma tikkorrabora s-sottomissjoni tal-konvenut meta jghid "il-familja kollha tal-konvenut, inkluzi t-tfal, ghixu hajja komda, kienu mitmugha u mlibsin tajjeb, u kull meta seta' l-konvenut hadhom fic-'circus', 'shows', etc.";

Illi t-tifla Alberta kienet l-unika wahda li wara li gew ipprezentati l-affidavit imsemmija, f'Marzu 1992, regghet issejhet u xehdet quddiem il-Qorti aktar minn sentejn wara. Fl-affidavit taghha din it-tifla tat storja bejn tal-biki u bejn tad-dahk - storja ta' xehha kwazi patologika li bil-kemm titwemmen; izda l-kredibilita` ta' Alberta harget cara meta tressqet il-Qorti mill-konvenut. Forsi b'kumbinazzjoni tressqet disa' gimghat biss wara li tant kellha xi tghid ma' ommha li qabdet u abbandunat id-dar taghha; hija stqarret li disa' gimghat qabel "jiena kont niggieled mal-mama` ghaliex kienet tghajjarni b'kollox anki bil-boyfriend tieghi, jekk inkun ma niflahx ma tatix kazi, dan l-atteggjament negattiv tal-mama` tieghi ilu almenu l-ahhar 3 snin"; wara dan l-attakk u kritika kontra ommha, b'danakollu Alberta kompliet tispjega c-cirkostanzi u l-mument meta l-konvenut thalla barra mid-dar matrimonjali u tispjega u tghid dan il-kliem "meta telaq nista' nghid li kien ikun hemm hafna glied bejniethom dwar kwistjonijiet ta' flus. Il-papa` ma kienx jaghti bizzejjed flus lill-mama` u l-mama` kienet taghmel ghalih ghax tippretendi li jtiha izjed flus. Irrid nammetti li meta konna zghar konna neqsin minn hafna affarijiet.";

Illi dak li impressjoni lill-Qorti waqt ix-xhieda ta' l-imsemmija binthom Alberta, kienet l-ahhar parti tax-xhieda

taghha quddiem il-Qorti fejn irreferit ghall-affidavit li hija kienet kif intqal ipprezentat sentejn qabel: "il-mama` kienet talbitni naghmel affidavit u jiena naf li dan gie pprezentat f'dina l-kawza u nikkonferma l-kontenut tieghu. Dan l-affidavit ktibtu jien. Ghandi nghid li in segwitu l-papa` gie fuqi u qalli nipprova nirtira dan l-affidavit. Ghandi nghid illi wara, malli sar jaf li hrigt ukoll, il-papa` gie x-xoghol, gabli dokument biex jiena niffirmah u jigi rtirat l-affidavit illi ffirmajt. Jiena chadt illi naghmel dan.";

Illi danakollu jikkonferma l-ossessjoni tal-konvenut ghal flus u wiehed jifhem li mhux eskluz li dina l-ossessjoni wasslitu biex jissuggerixxi lil bintu (ghalkemm il-Qorti ma ratx l-abbozz li huwa kien hejja ghal bintu biex hija tiffirma) tghid kelma b'ohra;

Illi l-Qorti temmen li din ix-xehha li tirrizulta mhux biss mix-xhieda ta' martu u ohtha imma anke mix-xhieda ta' l-ulied, kien parti mill-hajja u karattru tal-konvenut li donnu kien dejjem jibza' li sejjer jispicca bla flus. Minn imkien ma jirrizulta li l-flus kien qed juzahom ghal xi skopijiet jew ghal kapricci tieghu personali, anqas jidher illi l-konvenut kellu xi vizzju jew nuqqasijiet ohra. Il-Qorti taqbel ukoll ma' l-osservazzjoni ta' l-abbli relatur illi l-missier kien ihobb ukoll lil uliedu pero` "a modo suo" u dan certament ma kkontribwiex ghall-izvilupp tar-relazzjonijiet familjari - il-problema tal-konvenut kienet biss il-flus;

Illi l-kapacita` tal-konvenut biex jevita li jaghmel ebda forma ta' pagament sa fejn huwa umanament possibbli, irrizultat b'mod car fil-perizja tas-social worker Lora Agius li giet nominata proprju fuq talba espressa tieghu u li pprezentat ir-rapport taghha ftit wara n-nomina; il-kawza giet differita biex il-konvenut ihallas ir-rapport pero` bejn haga u bejn ohra irnexxielu jaljena lill-partijiet u lid-difensuri u anki lill-Qorti u jispicca biex irrispettivament mill-interess li huwa wera fir-rikors biex huwa ikun jista' jara lil uliedu, dana r-rapport baqa' fis-sigrieta ta' l-Imhallef minghajr qatt ma hallas xejn minn dan id-dritt peritali;

Illi ghalkemm irrizulta li l-konvenut kellu dan in-nuqqas serju li fil-fatt gab it-tkissir taz-zwieg u tal-familja tal-

kontendenti, il-Qorti tifhem li l-attrici kellha u ghandha nuqqasijiet ohra li taw il-kontribuzzjoni taghhom ghal dan il-falliment;

Illi l-Qorti, kif inghad, kellha okkazjoni tinnota mill-vicin l-atteggjament u r-reazzjonijiet taz-zewg kontendenti. Kellha okkazjoni tinnota r-reazzjonijiet ta' l-attrici ghal dak li hija kienet tikkonsidra kuntrarju; meta tistax ma tissottolineax l-incident *in faciem curiae* debitament registrat fil-verbal, meta bi vjolenza u arroganza hatfet dokumenti minn idejn zewgha li kien qieghed iwiegeb ghad-domandi tal-Qorti. Jekk irreaggixxiet b'dak il-mod proprju f'wicc l-Imhallef, min jaf x'kienet taghmel kieku l-istess episodju kien isehh bejn l-erba' hitan tad-dar matrimonjali;

Illi dawn in-nuqqasijiet karatterjali ta' l-attrici gew ukoll ikkonferma mix-xhieda importanti ta' l-imsemmija binthom Alberta; kif inghad hija tkellmet dwar in-nuqqasijiet tal-missier, imma uriet wkoll li kienet ghaliha pratikament impossibbli li tghix ma' ommha - dan juri kemm kienet difficli ghal zewgha li jibqa' jghix maghha. Ir-reazzjoni ta' l-attrici ghax-xehha ta' zewgha tixbah li dik taghha ghal problemi li kellhom uliedha;

Illi l-Qorti tara inutili li tikkwota l-pagni minn 12 sa 14 tar-rapport peritali (fol. 411 sa 413) imma ma tarax li tista' ssib kliem aktar elokwenti biex tivvaluta l-karattri u n-nuqqasijiet taz-zewg partijiet;

Illi ghalhekk dwar l-ewwel domanda l-Qorti taqbel li "kienet ir-reghba esagerata u insensata tal-konvenut li principalment tat lok ghall-falliment totali taz-zwieg" imma l-attrici kkontribwit ghall-problema bil-karattru agressiv u dominanti taghha;

Illi fil-mori tal-kawza l-ulied kollha saru maggorenni u ghalhekk mhux il-kaz li jkun hemm decizjoni dwar it-tieni talba;

Illi dwar it-talba ghall-manteniment ta' l-ulied din ukoll ghandha tigi mwarrba ghall-istess raguni; irrizulta pero` li

l-htija principali ghall-falliment taz-zwieg ghandha titpogga fuq il-konvenut li ghandu jikkontribwixxi ghall-manteniment ta' martu. B'danakollu meta tistabbilixxi dan il-manteniment, il-Qorti sejra tikkonsidra l-ammont li sejjer jinghata lill-attrici bhala parti minn sehemha mill-komunjoni ta' l-akkwisti; dan ifisser li ghalkemm il-manteniment ghall-attrici ghandu jigi stabbilit kif misthoqq, dana ghandu jigi debitament ridott hekk kif il-konvenut jghaddi lil martu s-somma li ser tigi ordnata aktar l-isfel f'din is- sentenza;

Illi l-manteniment kien it-tema ta' l-ahhar snin f'dina l-kawza. L-aktar li tressqu xhieda u saru sottomissjonijiet kienu dwar dawk l-introjti li l-konvenut kien allegatament idahhal minn diversi sorsi; tressqu kwantita kbira ta' provi u ghalkemm dawn l-introjti ma setghux jigu stabbiliti (ghalkemm ix-xhieda li huwa ta dwar dan li huwa kien jaghmel fil-Modern Bathroom u ma' ta' l-Invicta dehret pjuttost evasiva), u lanqas gie stabbilit dak li kien jippercepixxi minn entijiet governativi, il-Qorti sejra tikkonsidra dawn ic-cirkostanzi kollha fil-kalkoli finali taghha;

Illi dwar l-assi tal-komunjoni, il-konvenut jikkontendi li kellu eluf ta' liri meta huwa zzewweg u jghid ukoll li anki wiret xi haga; anki dwar dawn huwa ma ressaq ebda forma ta' prova ghalkemm dawn il-punti kienu proprja ilhom sollevati ghal snin shah tul il-mori tal-kawza u sottolineati mill-kontroparti. Kif diga intqal precedentement f'din is-sentenza, il-Qorti ma temmen xejn l-istorja li l-konvenut ta tad-dokumenti fil-vetrina li "insterqu" mill-attrici - kif jista' wiehed jemmen li l-mara hadet id-dokumenti mill-vetrina imma ma haditx is- Lm16,500;

Illi l-Qorti temmen li kien biss meta l-attrici ltaqghet ma' xi kotba tal-flus fl-1981 li hija rrealizzat l-ammonti kbar li huma kellhom investiti. Il-verzjoni li tat l-attrici dwar dan hija pjuttost verosimili "dwar il-flus li kellu zewgi barra, niftakar li meta kien ser ikolli t-tmien tarbija, jigifieri 14-il sena ilu, naf li zewgi kien ircieva zewg kotba tal-bank mill-Ingilterra, wiehed minnhom ta' 36000 u l-iehor ta' 11000. Kien wara li jiena rajt dawn il-kotba kollha li jiena bdejt

nesigi li  zewgi jhallasni ahjar milli kien ... Nispjega li qabel ma rajt dawk iz-zewg kontijiet li semmejt, kien dejjem f'rasi li ahna ghandna l-flus peress li hafna mill-paga konna ngemmghuha pero` qatt ma stajt nghid li rajt xi kont, kienet dik l-ewwel okkazjoni li jiena rajt il-kont tal-flus"; dan iqarreb mad-dati tad-dokument li l-attrici esebiet u li minnhom jidher li l-konvenut kien iddikjara fl-income tax return li kellu 'il fuq minn Lm4000 oltre 30,000 sterlina - il-kopja tar-Return of Investments li giet ukoll esebita, tista' twassal ukoll ghal cifri ferm ghola.  Dan kien 20 sena ilu u fl-intervall il-konvenut dejjem zamm l-imghaxijiet ghal dawn id-depoziti; ghalhekk dan ifisser li jekk tikkonsidra biss dan l-ammont indikat u tikkalkolah bis-sitta fil-mija (huwa risaput li l-interessi ghal snin shah kienu ferm u ferm aktar gholja) irid jigi kalkolat li almenu dahhal Lm1500 fis-sena (cifra ghal kollox konservattiva meta wiehed jara kif il-konvenut kien jaf idawwar u jiddepozita l-investimenti tieghu) u dan ifisser li fl-ghoxrin sena li ghaddew kellu zieda f'liri Maltin ta' almenu Lm30,000; din ic-cifra qed tittiehed biss fuq interessi semplici ghaliex kieku kellu wiehed jikkalkula, kif naturalment kien jaghmel il-konvenut, bil-"compound interest" dan l-ammont ta' zieda kien jasal ghal Lm35,000;

Illi l-Qorti hi perswaza li bis-salarju jew pensjoni u xoghlijiet extra li rrizultaw li l-konvenut kien jaqla, paragunati mal-"*life style*" tieghu, kellhom ikunu izjed minn bizzejjed  biex ihallas il-manteniment stabbilit mill-Qorti u jkompli jghix u jhallas il-kera minghajr ma johrog xejn minn gewwa; ghal kull buon fini u minhabba r-reticenza tal-konvenut li ma riedx jizvela l-investimenti tieghu bi sfida diretta ghall-ordni tal-Qorti, din il-Qorti tista' tikkonkludi li anke kieku kellu bzonn jizbanka xi haga minn dawn l-interessi minn zmien ghal zmien, xorta tikkalkola li l-valur attwali ta' l-investimenti tal-komunjoni ta' l-akkwisti u li jinsabu f'idejn il-konvenut, fl-ammont ta' hamsin elf lira Maltija (Lm50,000) u li n-nofs taghhom huwa ta' l- attrici;

Illi peress li l-Qorti tifhem li ma jkunx opportun li jkun hemm xi spostament tal-mobbli minghand l-attrici ghal ghand il-konvenut, sejra tikkredita s-sehem tal-konvenut bl-ammont ta' Lm2000 u ghalhekk il-konvenut ghandu

jhallas lill-attrici s-somma ta' tlieta u ghoxrin elf lira Maltija (Lm23,000);

Illi l-Qorti hi tal-fehma li l-ammont ta' manteniment suggerit mill-espert legali fis-somma ta' Lm160 fl-1994, sitt snin wara dan l-ammont ghandu jigi awmentat ghal Lm180 fix-xahar - dejjem mehud il-kapital li ser jigi dikjarat li huwa ta' l-attrici;

Illi kif rilevat mid-difensur ta' l-attrici peress li l-konvenut mhux qed jizvela fejn qeghdin l-investimenti tieghu, ikun opportun li l-konvenut sal-mument li in effetti jghaddi s-sehem indikat lill-attrici, huwa ghandu jhallas ghall-interessi li jkun qieghed jiggwadanja u ghalhekk ghandu jkun ikkundannat ihallas lill-attrici s-somma ta' Lm400 fix-xahar li kienet tkun l-ammont lilha dovut kieku ma jirnexxilhiex iggieghel lill-konvenut jikkonsenjala s-sehem taghha.

Ghal dawn il-motivi:-

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tilqa' l-Ewwel Domanda u tiddikjara s-separazzjoni personali tal-konjugi Camilleri Brennan u bi htijiet principalment tal-konvenut ghalkemm l-attrici wkoll ikkontribwiet ghall-falliment taz-zwieg;

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-Tieni Talba peress li l-ulied illum huma ilkoll maggorenni;

Tilqa' it-Tielet Talba billi filwaqt li tastjeni minnha in kwantu talbet il-manteniment ghall-minuri, tilqaghha ghall-manteniment favur l-attrici personalment u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' erba' mitt lira Maltin (Lm400) fix-xahar, liema somma ghandha tigi ridotta ghal mija u tmenin lira Maltin (Lm180) hekk kif huwa jikkonsenja lill-attrici s-somma ta' tlieta u ghoxrin elf lira Maltin (Lm23,000) indikata fis-sitt domanda;

Tilqa' r-Raba' Domanda kif dedotta fic- citazzjoni;

Tilqa' l-Hames Domanda u tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti fl-inkwilinat tal-fond matrimonjali, oggetti mobbli li jinsabu f'idejn l-attrici u dawk li jinsabu f'idejn il-konvenut u l-investimenti elenkati aktar 'il fuq f'din is-sentenza;

Tiddividi l-assi tal-komunjoni b'dan li l-attrici jkollha d-dritt esklusiv ghall-imsemmi inkwilinat, izzomm il-beni mobbili kollha li prezentement jinsabu fil-pussess taghha, kif ukoll tinghata s-somma ta' tlieta u ghoxrin elf lira Maltin (Lm23,000) li ghandha tircievi minghand il-konvenut li minn naha tieghu ghandu jzomm kull dritt esklusiv ghall-inkwilinat fuq il-fond fejn prezentement jirrissjedi, il-beni mobbli kollha li prezentement jinsabu f'idejh u l-flus u depositi u investimenti li huwa ghandu, b'dan li huwa qed jigi kkundannat ihallas lill-attrici per saldu ta' sehemha mill-komunjoni ta' l-akkwisti s-somma ta' tlieta u ghoxrin elf lira Maltin (Lm23,000) fi zmien sitt (6) xhur millum bla imghax b'dan li jekk jiskadi inutilment dan it-terminu jibdew jiddekorru l-interessi legali kontra l-istess konvenut; il-konvenut ghandu jkun responsabbli ghall-kontijiet kollha dovuti bhala arretrati lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni;

L-ispejjez fic-cirkostanzi jithallsu kwart mill-attrici u tlett kwarti mill-konvenut.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur